MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 664/2004

**Zammit Aaron Silvio**

**vs**

**Farrugia Sylvia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Marzu, 2004 fejn intalab: dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali li gara r-Rabat fis-7 ta' Dicembru, 2003 bejn Fiat Punto numru DAC-684 misjuqa mill-attur u Toyota Starlet numru 880291 misjuqa mill-konvenuta, u l-kundanna li l-konvenut jhallas lill-attur, in linea ta' danni, is-somma ta' hames mija u hamsa u sebghin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm575.85) (Dok.P);**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ai termini tal-Kap.104 u bl-imghax minn**

**notifika tal-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-22 ta' April, 2004, fejn intqal illi l-konvenuta ma tahtix ghall-incident, u li dan gara meta l-attur hareg minn fuq "stop sign".**

**Semgha x-xhieda ta' Aaron Silvio Zammit, Sylvia Farrugia, Abigail Galea u PS 630 Carmel Micallef. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fis-7 ta' Dicembru, 2003, bejn il-vettura DAC-684 misjuqa mill-attur u l-vettura BBO-291 misjuqa mill-konvenuta. L-incident gara f'dik il-parti fejn minn Triq l-Gharreqin taghti ghall-Mtarfa By-Pass.**

**2. Fit-tarf ta' Triq l-Gharreqin minn fejn kien gej l-attur hemm "stop sign" impingi mal-art, illi ghalkemm zbjadit, jidher li qieghed hemm. Dan huwa evidenti mill-fotokopji tar-ritratti esebiti, Dok.SF1.**

**3. Ma hemmx qbil dwar fejn sehhet il-kollizzjoni. L-attur qed jghid li din sehhet qabel ma wiehed jasal ghall-istop sign u li l-konvenuta qataghtlu t-triq meta daret mill-By-Pass ghall-go Triq l-Gharreqin. Referibilment ghall-iskizz, l-attur jimmarka il-punt fejn sehhet il-kollizjoni bil-marka X, f'punt li jigi distanza ta' xi karrozza mill-istop sign. Il-versjoni tal-attur hi konfermata minn Abigail Galea li kienet passiggiera mieghu. Dwar kif daret il-konvenuta, din tghid hekk: "…fsalt sibna lill-konvenuta ma' wiccna."**

**4. Il-konvenuta tghid li kienet qed iddur ghall-go Triq l-Gharreqin: "Jiena, kif dort lilu ma rajtux gej. X'hin taghni d-daqqa rajtu." Inoltre hi tghid:"Minn fejn kont gejja jiena ma stajtx nara l-karozzi li jkunu gejjin minn Triq L-Gharreqin." Hi tghid ukoll li qabel ma dahlet fi Triq l-Gharreqin waqfet u rat li ma kienux gejjin karrozzi mill-faccata.**

**5. Kull parti qed tallega li l-parti l-ohra ma kienetx fil-karregata taghha.**

**6. Ma hemmx dubbju li Mtarfa By-Pass hija "main road" u li min ikun hiereg minn Triq L-Gharreqin li tferra gol By-Pass irid juza l-massima diligenza. Kif qalet il-Qorti fil-kawza "Francis Borg vs Mario Mallia et" minn johrog minn wara "stop-sign" jkollu: "obbligu li ma johrogx ghal gol-*main road* qabel ma' din tkun talment libera li tippermettilu jidhol fit-triq principali bla xkiel u bla periklu ghall-utenti l-ohra tat-triq. Hu principju tas-sewqan li min ikun ser johrog minn wara *stop sign*, irid jieqaf *dead*, u ma jibdiex jiskula qabel ma jara li t-triq ta' quddiemu hi libera." (Prim'Awla Civili dec.03.07.2003)**

**7. Fil-fehma tat-Tribunal mill-isketch esebit, konfermat minn PS 630 Carmel Micallef, jirrizulta li fil-fatt l-vettura tal-attur kienet oltrepassat mhux hazin l-istop sign li hemm fi Triq L-Gharreqin. It-Tribunal ma jaqbilx ma' dak li qed jghid l-attur li l-incident gara aktar lura u cioe` fil-punt immarkat X fl-isketch Dok.CM2. Li kieku kien hekk hu wisq probabbli li ma kien isehh ebda incident. Lanqas ma jista' jkun dak li qed jghid l-attur in vista ta' fejn spiccat il-vettura tal-konvenuta.**

**8. Jekk wiehed jaccetta dak li qed jghid l-attur li mad-daqqa tkaxkar fuq iz-zrar, jista' jkun li kien xi ftit aktar lura milli ndikat fl-isketch, pero` jekk dan hu il-kaz, ma jidhirx li l-attur kien intenzjonat li jieqaf fuq l-istop sign kif kien obbligat li jaghmel.**

**9. Jirrizulta li l-konvenuta li kienet qed tikser ghal go Triq L-Gharreqin minn Mtarfa By-Pass tassew ma kienetx fil-karregata taghha meta qed taghmel il-manuvra biex tidhol gol-imsemmija triq. F'dan ir-rigward it-Tribunal jirriskontra certa mankanza u nuqqas ta' diligenza serja anke da parte tal-konvenuta, ghalkemm mhux fl-istess grad tal-attur. Il-konvenuta ndunat biss bl-attur mal-habta, u peress li kif tghid hi, ma setghetx tara il-karrozzi li jkunu gejjin minn Triq L-Gharreqin, kien jinkombi fuqha li tuza aktar diligenza, u li ma taqtghax il-kantuniera, kif hafna nies ghandhom l-vizzju li jaghmlu. Dan flimkien mal-fatt li ma zammitx strettament mal-karreggata taghha kkontribwew ghall-incident li sehh.**

**10. Ghalhekk tenut kont ta’ dak li ntqal it-Tribunal qed jattribwixxi zewg terzi tar-responsabilita` ghas-sinistru fuq l-attur u terz fuq il-konvenuta.**

**11. Id-danni li sofra l-attur kienu jammonta ghall-hames mija u hamsa u sebghin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu. In kwantu l-konvenuta ghandha taghmel tajjeb biss ghall-terz tad-danni, jigi li hi ghandha taghti lill-attur is-somma ta’ mija u wiehed u disghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm191.95).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt illi qed jiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident li sehh, biss fi grad ta’ terz, jikkundannha thallas lill-attur is-somma ta’ mija u wiehed u disghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm191.95) bl-imghax legali li jibdew jiddekorru mill-lum, salv u impregudikat kull dritt tal-konvenuta ghar-rsiarciment tad-danni minnha sofferti fil-konfront tal-attur.**

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-zewg terzi mill-attur u terz mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------